**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Gunju 2025**

**Kumpilazzjoni Numru: 548/2025**

**Ir-Repubbhlika ta' Malta**
**(Spettur Wayne Bonello)**
**(Spettur James Mallia)**

**vs**

**Eman Ebejer**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Eman Ebejer ta' disgħa u tletin (39) sena, iben Joseph u Mary Ebejer nee' Żammit, ta' nazzjonalita' Maltija, imwieled il-Pieta', nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u ħamsa u tmenin (1985), u residenti ġewwa 178, Millenia, Triq San Pietru, Kirkop u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 439685M

Akkuzat talli f'xi ħin ta' matul il-ġurnata tal-ħmistax (15) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) ġewwa Triq Salvu Sacco, Kirkop u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkometta serq ta' fuel u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa u dan sar għad-detriment ta' Trisman Sacco u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;
*Artikoli 261(g) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

Matul xi ħin tal-lejl ta' bejn il-ħmistax (15) u s-sittax (16) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) ġewwa Triq Salvu Sacco, Kirkop u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

2. Ikkometta serq ta' *cable, socket, plug* u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u dan sar għad-detriment ta' Manuel Sultana Grech u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;
*Artikoli 261(b)(f)(g), 263(a), 264(1), 270, 271(g), 278(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

U aktar talli:

3. Fl-istess dati, lok, ħinijiet u ċirkostanzi naqas milli josserva xi waħda, u/jew iktar minn waħda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati b'digriet mogħti fl-għoxrin (20) ta' Settembru elfejn u tlieta u għoxrin (2023) mill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello u li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet;
*Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

4. Fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, kemm il-darba jinstab ħati jirrendi ruħu reċediv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija fil-konfront tal-imputati tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u 532A *et seq*, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja u rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat li fis-seduta tal-lum stess l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

5. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' disa (9) snin prigunerija, u jigi revokat id-digriet tal-helsien mill-arrest u l-garanzija fih imposta tghaddi favur il-Gvern ta' Malta, u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

6. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

7. Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

9. Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u rregistra ammissjoni fl-ewwel seduta – l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri – u ghalhekk ma heliex il-hin u r-rizorsi ta' din il-Qorti u tal-forzi tal-ordni.

10. Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li l-imputat ghandu fedina penali raffrettarja, u ghalkemm inghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati, ma tghallem xejn u baqa' jippersisti fit-triq tal-kriminalita.

**Konkluzjoni**

11. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

    1. Wara li rat l-Artikoli 261(g), 281(a), 261(b)(c)(g), 263(a), 264(1), 270, 271(g), 278(3), 579(2), 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundanna lill-imputat ghal piena karcerarja ta' sentejn (2).

    2. In oltre ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-hati biex ihallas lil:

        (i) Trisman Sacco l-ammont ta' hmistax-il Euro (€15.00), rapprezentanti l-valur tal-fuel misruq; u lil
        (ii) Manuel Sultana Grech l-ammont ta' mitejn u seba' Euro u tnejn u erbghin centezmu (€207.42), rapprezentanti l-valur tal-oggetti misruqa.

3. Il-Qorti qed tirrevoka wkoll id-digriet tal-ghoti tal-helsien mill-arrest tal-20 ta' Settembru 2023 moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), preseduta mill-Magistrat Dr Rachel Montebello, tordna l-arrest mill-gdid tal-hati, u tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' elfejn Euro (€2000) rapprezentanti parti minn garanzija personali ikbar imposta f'dan id-digriet.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**